**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 26 ta' Frar, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**-vs-**

**Mahdi Ouerfelli**
**detentur tan-numru tal-Pulizija numru 13MH-024**

Kumpilazzjoni Nru. 600/14

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mahdi Ouerfelli talli:

Nhar id-29 ta' Gunju, 2014 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta filghodu (3.30am)
Gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq ta' handbag li kien fih mobile phone tal-ghamla IPhone 5S, li jiswa Euro 750, Euro 70 fi flus kontanti, u oggetti personali ohra, liema serq hu kwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta' Karen Azzopardi u/jew persuni ohra.
2. Talli fl-istess data kkometta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta'persuni nkarigati mill-kustodja tieghu.
3. Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi akkwista jew kellu fil-pussess tieghu, zamm jew b'xi mod li kien, kellu arma jew munizzjon ipprojbit skond kif hemm imsemmi fi Skeda I.9 tal-Kap.480.
4. Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi rrifjuta jew ta falz lill-ufficjal tal-Pulizija jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra;

5. Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra.
6. Talli fl-istess data ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
7. Talli naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, li bih inghata l-helsien mill-arrest nhar it-13 ta' Gunju, 2014.
8. Talli f'dawn il-Gzejjer kkometta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
9. Talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Frar, 2015.[1]

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi ttrattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni

Ikkonsidrat:

Dan huwa kaz li jittratta allegazzjoni ta' serq ta' handbag ghad-detriment ta Karen Azzopardi li fost affarijiet ohra kien fih mobile phone kif ukoll sebghin ewro (€70) fi flus kontanti.

Marcio Vella jghid li hekk kif induna li l-handbag ma kienx f'postu, dar u sab lill-akkuzat u ragel iehor, ta' nisel Gharbi li kien mieghu, bil-handbag f'id l-akkuzat.[2] Ir-rejazzjoni tal-imputat fi kliem ix-xhud kienet li meta kkonfrontat inhasad u qabad hiereg il-barra, izda is-security gera warajh. L-akkuzat u siehbu infirdu w telqu f'direzzjonijet opposti. Vella jghid li *"...u hadtulu minn idu jiena"*[3]. Jghid ukoll li ma kellux ghalfejn jissielet jew jithabat biex jiehdu. Din il-Qorti tinnota r-rejazzjoni tal-imputat fil-bar, il-fatt li ma kienx ma tfajla izda ma ragel iehor u li ghaldaqstant ma rrizultat l-ebda spjegazzjoni ghaliex handbag spicca f'idejn l-akkuzat.

[1] Fol.137
[2] Fol.57 et seq
[3] Fol.60

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Steve Spiteri u Clayton Cremona:**[4]

"Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, dan jimpernja fuq il-*vexata questio* dwar meta effettivament jissussisti l-element tal-*'contrecatio'* li hu ingredjent essenzjali tar-reat ta' serq, kif defenit mill-guristi Taljani w kif segwit u appikat mill-gurisprudenza nostrana. Kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law – Part II,) :-
*"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of 'contrectatio' is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded."*

Umbaghad il-**Mamo** jghaddi in rassenja dawn it-tlitt teoriji w cioe' dik li tekwipara l-*contrectatio* mac-caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih: *"amotio";* dik li tghid li l-*contrectatio* tikkonsisti fl-*"apprehensio"* jew "*amotio de loco ad locum"* u cioe' li l-oggett irid ikun inhareg mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur legittimu w it-tielet teorija li ttenni li l-*'contrectatio'* issir biss meta l-halliel jiehu r-*refurtiva* fil-post fejn ikollu l-hsieb li johodha *"loco quo destinaverat*". Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l-CARRARA giet generalment segwita w applikata mill-Qrati taghna ghalkemm din hi aktar severa w stretta u li din kienet it-teorija abbraccjata fil-Kodici Penali Naplitan li fuqu l-Kodici Kriminali Malti kien tfassal. Jghid ukoll li din hija t-teorija kienet applikata fil-Common Law Ingliza w li giet moghtija gharfien statutorju fil-Larceny Act Ingliz."

Konsidrati taht dan l-aspett, l-atti tal-akkuzat rrizutaw biex il-handbag iccaqlaq minn postu (*amotio*) kif ukoll li nhareg mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur legittimu u cioe' ta' Karen Azzopardi. Fil-fatt Karen Azzopardi tixhed kif hi halliet il-handbag vicin taghha fuq xkafa u f'hin minnhom ma ratux izjed. Rat izda lill-habib taghha, Marcio Vella, *"qed jiehu il-handbag mill-akkuzat, minn idejn l-akkuzat"*[5] u jillitika mieghu.[6]Tghid li wara li rat lil Vella <u>jigbdu</u> minn idejn l-akkuzat *"…<u>jisharjawh</u> f'idejn wiehed li kien mieghu..rajtu <u>jigbidulu.</u>"*[7] L-akkuzat imbaghad telaq jigri mill-bar fejn kienu, gie segwit mill-*bouncer*, u inqabad ezatt xhin hareg il-barra. Dan ikompli jigi affermat minn dak li jixhed is-security fejn jghid li ra tnejn minn nies jghajtu *'halliel, halliel'* fejn hu sussegwentement telaq ghall-warajh u qabad lill-imputat.[8]

Ix-xhud Azzopardi tixhed li l-IPhone kien jiswa xi seba mitt (700) Ewro u li kellha xi sittin 60 Ewro fil-baskett.[9] Id-difiza tikkontendi li ma saritx prova tal-valur tal-IPhone. Referenza ssir ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel**

---

[4] Appell Kriminali Numru. 202/2009, 24 ta' Settembru, 2009
[5] Fol.50
[6] Fol.51
[7] Fol.54-56
[8] Fol.120
[9] Fol.52

**Farrugia**[10] li ccitat bran mis-sentenza **Il-Pulizija vs Robert Gafa'** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2014 fejn gie ritenut:

"11. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant illi huwa ghandu jigi lliberat mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-"valur". L-ewwelnett issir referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Zahra, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. Dan jista' jitqies li japplika mutatis mutandis fejn si tratta ta' valur ta' oggetti misruqa. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."

12. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet dwar il-valur: "Certament nonostante li l-ammont ma ġiex kwantifikat, pero` zgur li l-oggetti misruqa minn kull imputat jeccedu l-mitt lira Maltin bil-valuta ta' zmien ir-reat – ghal dan il-Qorti m'ghandha bzonn ebda espert. Pero` l-Qorti mhix konvinta li l-valur ta' l-oggetti misruqa mill-basement jeccedu l-elf lira Maltin."

13. Din il-Qorti ezaminat il-provi. L-oggetti misruqa huma dawk elenkati fid-Dok. JC (a fol. 36) u li gew maqbuda mill-pussess ta' l-appellant (ara Dok. JC2 a fol. 39 – 40). Inoltre fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li kien seraq numru akbar ta' batteriji li bighhom ghal "xi Lm250" (a fol. 19). Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk tieħu l-valur wholesale ta' l-oggetti kollha in kwistjoni, dan se jaqbez il-Lm100. Ghalhekk il-kwalifika tal-"valur" tissussisti u konsegwentement japplika l-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali. **Irid jigi carat li fejn hemm dubju dwar il-valur ta' oggett misruq imbaghad is-soluzzjoni mhijiex dik proposta mill-appellant, cioe`, li persuna tigi lliberata izda li tiehu lanqas valur, b'hekk li persuna akkuzata b'serq ikkwalifikat bil-"valur" tista' tinsab hatja ta' serq semplici."**

Huwa minnu li ma gietx prezentata ricevuta jew stima tal-oggett izda ma hemmx dubbju li bejn il-valur tal-IPhone u l-ammont tal-kontanti, jinqabez l-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€232) u ghaldqstant dan l-aggravju gie soddisfatt. Dan jinghad galadraba l-Qorti qed temmen lix-xhud li l-mobile in kwestjoni kien Iphone. Ghalhekk t-**tieni imputazzjoni** indikata fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali giet soddisfacentement pruvata.

Ikkunsidrat:

Waqt li kien l-ghassa l-imputat kien gie immannetjat izda wara li lmenta li l-mannetti kienu ssikkati wisq u dawn gew mahlula,[11] l-imputat harab mill-Ghassa. Xhin il-pulizija indunaw li kien harab marru jfittxuh. Dan kien qabad it-triq fid-direzzjoni lejn Paceville, bil-pulzija tigri warajh minn hdejn

[10] Magistrat Dr J. Demicoli [02.03.2015], Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
[11] Fol.35 -*"U hallejtlu zewg snien biex zgur...huma ma kienux issikatti ta, nsomma ..."*

il-Wembley Garage sa vicin il-Cavallieri Hotel fejn hemmhekk instab mistohbi f'parapett fl-istess triq mindud fl-art fid-dell.[12] Saritlu tfittxija w instab *taser gun.*[13] L-imputat irrifjuta li jaghti d-dettalji tieghu. Ismu sar maghruf meta l-Ispettur Micallef gie biex jehodlu stqarrija (bdiet 2pm)[14] peress li kien il-prosekutur tieghu f'kawza ohra. L-imputat rrifjuta li jaghti dettalji dwar ir-residenza tieghu.[15]Fil-kors tal-istqarrija allega li kien gie msawwat mill-pulizija. Ftit minuti wara li bdiet l-istqarrija, u cioe fis-2.10pm l-imputat insista li ried jara tabib ghax <u>allega li kien gie msawwat mill-pulizija</u>. L-istqarrija giet interrotta sabiex l-imputat jigi ezaminat u ssoktat fis-6.30pm fejn l-imputat <u>rega allega li gie msawwat mill-pulizija</u> fuq zaqqu billi inghata daqqiet *"bil-hadid ta' isfel. Rabtuni ma siggu u bdew jaghtuni b'xi hadida."*[16]Meta kien Mater Dei irrifjuta li jsirlu CT Scan.[17] Fl-istess stqarrija minn tieghu jallega li kien sab it-taser li sussegwentement kien gie uzat mill-pulizija fuqu.[18] It-taser gun gie esebit minn PS1540 Edmond Fenech bhala Dok. SM1.[19]

Kien ghal xil-hamsa nieqsin kwart ta' filghodu meta l-pulzijia intebhu li l-imputat kien nieqes u l-manetti kienu wehidhom. Bdiet tfittxija ghalih minn PC741, PS 1540 u PC1543 ghal xil-hamsa u kwart ta' filghodu fejn intelamh x'hin il-pulizija wasslu hdejn il-Wembley Garage. L-imputat instab mistohbi fi "*drive- in jinzel imma bir-rampa, sewwa, issa hu qghad mindud, issa inti jekk tkun miexi fi triq normali street level inti ma tarahx dan..ma tarahx u kien id-dlam, kienu ghadhom l-erba u nofs ta' filghodu…imma mbaghad xeghlna is-side lamps tal-vettura s-surgent …u lemah xi haga jiccaqlaq, b'hekk indunajna fhimt, u rnexxilna insibuh hux."*[20] *"Le le mela konxju ghajnejh miftuhin, beda jistahba sur magistrat litterlament [qaghad] dritt hekk mal-art…Hu kien qed jipprova jistahba fejn irrezista l-arrest u anke beda jhabbat rasu mal-art."*[21] Hadd mill-pulizija ma uza taser fuqu ghalkemm intuzat forza minima biex l-imputat jerga jigi arrestat.[22]PC1540 jikkonferma dak li xehed dwaru PC741.[23] L-imputat ittiehed l-ghassa fejn beda ihabbat rasu mall-bankijiet tat-tarag u jinstabat mal-art.[24] Jixhed li t-taser kien gie elevat

[12] PS 1543 - Fol.25
[13] Fol.25
[14] Fol.12
[15] Fol.27 *et seq*
[16] Fol.13
[17] Fol.18; Fol.28
[18] Fol.13
[19] Fol.32
[20] Fol.39
[21] Fol.35; 37
[22] ibid
[23] Fol.40 *et seq.*
[24] Fol.42

mal-ewwel arrest tal-imputat.[25]Fil-fatt ix-xhud jaghti rendikont dettaljat ta dak li gara mar-ritorn tal-imputat fl-ghassa fejn l-imputat anke allega li kien PC1540 li sawwtu: "Imbaghad…beda jallega li sawwatu jiena."[26]

Dr Mario Scerri fir-rapport u fix-xhieda tieghu jikkonkludi li l-griehi fuq is-sider, zaqq, l-estremitajiet superjuri, kif ukoll l-abbrazzjonijiet li garrab kienu "*self-inflicted*". Kienu biss l-abbrazzjonijiet fuq il-qasba tas-sieq li kienu kompattibli ma "*blunt trauma injuries*" li soffra waqt li kien f'detenzjoni.[27] Tenut kont tat-tisbit li l-imputat kien issugetta ruhu ghalih dan ma jissoprendi xejn. Huwa precizament sabiex jigu evitati allegazzjonijiet inveritjieri li jwasslu sabiex tixxejjen il-fiducja pubblika fil-Korp tal-Pulizija li l-Ghasses u kull post ta' detenzjoni ghandhom ikunu sorveljati b'CCTV cameras.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Loreto Bugeja**[28] ccitata fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Borg**[29] gie trattat ir-reat ai termini tal-artikolu 110:

***"L-artikolu 101 tal-Kapitolu 9*** *jitkellem dwar i****l-kalunja jew il-falza akkuza.***

*Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid:* ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

*Ghandu jinghad illi mid-dicitura tal-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:*

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

*Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad:* ***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li***

[25] Fol.45
[26] Ibid.
[27] Fol.64 *et seq.*
[28] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [23.09.2010] per Magistrat Dr. E. Grima
[29] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [19.11.2015] per Magistrat Dr J. Demicoli

***ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."***

*Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti ta'l-Appelli Kriminali gie deciz:* ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)......***

***L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat***

*Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz tal-Ordinanza IX tal-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan tal-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi jghid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:*

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. ... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged ... (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation.(sottolinjar tal-Qorti)"***

*F'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:*

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali mill-atti processwali ghalhekk, it-**tielet u is-seba imputazzjonijiet** indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali gew soddisfacentement ippruvati. L-istess

jinghad dwar il-**hames imputazzjoni,** indikata fin-nota tar-rinviju, fejn hawnhekk issir riferenza ghal dak li xehed l-Ispettur Trevor Micallef. [30]

Issa l-imputat ma kellu ebda licenzja biex iggor l-arma, u cioe' it-taser, li kienet nstabet fuqu mal-ewwel arrest.[31] L-unika prova li l-arma instabet fuqu izda hija sfortunatament ma ittiehdu ebda nottamenti dwar x'instab fuq l-imputat. Madankollu din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tistrieh fuq dak li jghid PS 1540 Edmond Fenech kif ukoll PS1543 Oliver Cassar li sab it-taser.[32] Taser gun jaqa' fid-definizzjoni ta' *<u>'Stun Guns'</u>* indikat f'numru 7 tat-Taqsima II tal-Iskeda I tal-Kapitolu 480, ta' l-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk anke **<u>r-raba</u> imputazzjoni** ndikata fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali giet ppruvata.

Ikkunsidrat:

Dwar is-**sitt imputazzjoni** l-ispettur Micallef jghid *"Huwa hallejtu rieqed sa wara nofsinhar peress <u>illi forsi</u> kien fis-sakra"*.[33] Ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx soddisfacenetment ippruvata tenut kont in-nuqqas ta' certezza espressa mill-Ufficjal Proskeutur nnifsu u b'hekk mhix tinstab htija dwarha.

L-imputat hu akkuzat ukoll li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet fejn huwa gie moghti il-helsien mill-arrest, liema digriet gie prezentat f'dawn l-atti.[34] Ghalhekk it-**tmien imputazzjoni** giet ampjament ippruvata.

Illi finalment l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi huwa recidiv u dana a tenur ta' l-artikolu 49 u 50. Illi din l-**ghaxar imputazzjoni** giet soddisfacentement ppruvata bis-sentenza esebita in atti moghtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-25 ta' Novembru, 2013. Il-Qorti tinnota li r-reati li dwarhom gja instabet htija mhumiex ghall-kollox differenti minn dawk li jinsab imputat bihom fil-kaz odjern. Dan juri li l-imputat ma tghallem xejn mill-izbalji tieghu u l-opportunita` li precedentement inghata mill-Qorti ma swiet ghalxejn.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 110(2), 289(1), 151, 261(c)(f), 267, 269(g), 270, 279(a), 338(g) u 579 tal-Kap. 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 3(a) moqri flimkien ma' l-Iskeda I u l-artikolu 51(1), tal-Kap. 480 ta' l-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-

---

[30] Fol 27 kif ukoll il-PIRS fol.9 (l-ahhar paragrafu)

[31] Fol.114

[32] Fol.25. Fol.9 fil-PIRS ukoll hem konferma li kien PS1543 li sab it-taser fuq il-persuna tal-imputat

[33] Fol.27. a fol. 152- *"Kien jidher li kien fis-sakra hux....U kien jinxtamm wisq probabli wkoll. Dik ma nistax nghida jidher li nista nghid."*

[34] Fol. 124-125; SM3 u SM4. Digriet u Kundizzjonijiet ghall-Helsien mill-Arrest: l-imputat kellu kundizzjoni li ma johrogx minn daru bejn it-8pm u is-7am.

akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija.

Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 28B u 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2013[35] ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom jinsab akkuzat l-imputat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza, b'hekk b'kollox l-imputat irid jiskonta l-perjodu ta'hames (5) snin prigunerija.

Peress li fiz-zmien meta sehh ir-reat u konsegwenetemnt il-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mil-arrest l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali ma kienx jipprovdi ghal konfiska tassativa tal-garanzija personali u/jew depozitu, din il-Qorti mhux ser tordna tali konfiska.[36]

Finalment il-Qorti qed tordna il-konfiska tat-*taser gun* esebit in atti bhala dok. SM1 minn PS1540.

Billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[35] SM4-fol.125
[36] L-artikolu 579 kien gie emendat bl-Att VIII tal-2015